Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,502, 20 ta' Ottubru, 2020
Taqsima B

A.L. 404 tal-2020

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR PORTIJIET U BASTIMENTI (KAP. 352)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 43(1) u (3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u tal-artikolu 27 tal-Att dwar il-Portijiet u l-Bastimenti, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u flimkien mal-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499.49.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2020.

Jemenda l-Iskeda li tinsab annessa mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab annessa mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) ir-rati tat-tariffa tagħha, għandhom jiġu sostitwiti bir-rati ġodda li ġejjin:

"Rata għal kull bastiment tal-irmonk għal kull siegħa jew parti minnha.

Kolonna 1	Kolonna 2 Rati Normali (*Vide* Nota 2)	Kolonna 3 Rati applikabbli bejn s-6 ta' filgħaxija ta' jum u s-6 ta' filgħodu tal-jum ta' wara u f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fil-Btajjel Pubbliċi (Vide Nota 3)
	€	€
Għal bastimenti sa 3,000 tunnellati gross (gt)	305	420
Għal bastimenti ta' tunnellati gross (gt) bejn:		
3,001 u 6,000	385	550
6,001 u 10,000	485	700

B 2782

10,001 u 13,000	580	840
13,001 u 16,000	680	985
16,001 u 20,000	830	1,195
20,001 u 24,000	955	1,390
24,001 u 35,000	1,085	1,580
35,001 u 45,000	1,175	1,730
45,001 u 60,000	1,295	1,905
60,001 u 80,000	1,435	2,125
80,001 u 100,000	1,580	2,340
100,001 u 150,000	1,700	2,505
150,001 u 200,000	1,860	2,745
Għal bastimenti ta' iktar minn 200,000 tunnellati gross (gt)	2,020	2,995".

(b) il-proviso li jinsab minnufih wara n-Nota (2) tagħha, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda meta jkunu meħtieġa bastimenti tal-irmonk aktar minn dawk il-bastimenti tal-irmonk ekwipaġġati kontinwament ġewwa l-Port il-Kbir jew il-Port ta' Marsaxlokk rispettivament, id-drittijiet li għandhom jiġu mħallsa għal dawk il-bastimenti tal-irmonk addizzjonali li jkunu hekk meħtieġa għandhom jiġu kalkolati skont ir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet kalkolati skont ir-rati taħt il-Kolonna 2 u għandhom jiżdiedu b'€375 għal kull bastiment tal-irmonk, skont liema rata tkun l-ogħla.";

(ċ) in-Nota (3) tagħha, għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"(3) Għal servizzi mogħtija bejn s-6 ta' filgħaxija ta' jum u s-6 ta' filgħodu tal-jum ta' wara jew f'xi ħin is-Sibt, il-Ħadd jew f'xi btala pubblika oħra, għandhom japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda b'€730 għal kull bastiment tal-irmonk, skont liema rata tkun l-ogħla.";

(d) l-ewwel paragrafu u l-ewwel proviso tan-Nota (6) tagħha, għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġejjin:

"Ir-rati li jitħallsu għal għajnuna lil bastimenti inabilitati għandhom jiżdiedu b'ħamsin fil-mija, bla ħsara għall-inqas dritt ta' €1,455 għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti sa 3,000 tunnellata gross (gt) u bla ħsara

B 2783

għall-inqas dritt ta' €2,440 għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti ta' iktar minn 3,000 tunnellata gross (gt):

Iżda dan id-dritt addizzjonali ma japplikax għal ċattri mingħajr mezz indipendenti ta' moviment u għal bastimenti oħra, meta t-tnejn li huma jkollhom inqas minn ħamsa u erbgħin (45) metru tul."; u

(e) in-Nota (7) tagħha, għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4, meta bastiment tal-irmonk huwa mitlub b'żjieda ma' bastimenti tal-irmonk li huma l-ħin kollu ekwipaġġati ġewwa l-Port il-Kbir jew il-Port ta' Marsaxlokk rispettivament, f'kull ħin, mingħajr ma jingħata tal-anqas avviż ta' erba' sigħat, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' €485 għal kull bastiment tal-irmonk.".